

32005D0341

4.5.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 115/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-11 ta' April 2005****li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi [u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika marbutin magħhom] għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għall-kompjuters portabbli**

(notifikat bid-dokument C(2005) 1024)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/341/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (3) Jipprovdi wkoll li l-eżami tal-kriterji tal-ekotikkettjar, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' evalwazzjoni u verifika marbutin ma' dawn il-kriterji, għandu jsir sew qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità tal-kriterji speċifikati għall-kategorija ta' prodotti kkonċernata.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-ekotikketta Komunitarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

- (4) Huwa xieraq, sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fis-suq, illi ssir revizzjoni tal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/687/KE tat-28 ta' Awwissu 2001 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lil kompjuters portabbli ⁽²⁾.

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Ekotikkettjar tal-Unjoni Ewropea,

- (5) Barra minn hekk, sabiex jiġi speċifikat li apparat mgħammar b'tastiera *touch screen* għandu jiġi inkluż fil-kategorija ta' prodotti u li l-prodotti li l-użu primarju tagħhom mhuwiex il-*computing* għandhom jitħallew barra, huwa neċessarju li tinbidel id-definizzjoni tal-kategorija tal-prodott stipulata f'dik id-Deċiżjoni.

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, l-ekotikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li jkollu karatteristiċi li jippermettulu jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għal titjib f'aspetti fundamentali tal-ambjent.

- (6) Fl-interess taċ-ċarezza, id-Deċiżjoni 2001/687/KE għandha għalhekk tiġi sostitwita.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li xi kriterji speċifiċi tal-ekotikketta, magħmulin fuq il-bażi tal-kriterji mfassla mill-Bord tal-Ekotikkettjar tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu stabbiliti skont il-kategoriji tal-prodotti.

- (7) Il-kriterji ekoloġiċi riveduti għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' erba' snin.

⁽¹⁾ ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 242, 12.9.2001, p. 4.

(8) Huwa xieraq li jitħalla perjodu transitorju ta' mhux aktar minn tnax-il xahar għall- produtturi li l-prodotti tagħhom ingħataw l-ekotikketta qabel id-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni jew li applikaw għal din il-għotja qabel dik id-data, sabiex ikollhom żmien biżżejjed biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-kriterji l-ġodda.

Artikolu 4

Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli" se jkun "013".

(9) Il-miżuri li tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bis-saħħa tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2001/686/KE hija revokata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 6

Artikolu 1

Sabiex jingħata l-ekotikketta Komunitarja għall-kompjuters portabbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, l-apparat jeħtieġ li jkun jagħmel parti mill-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli" u jrid jikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-ekotikketti mogħtijin qabel id-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni fir-rigward ta' prodotti li jagħmlu parti mill-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli" jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Marzu 2006.

Artikolu 2

Il-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli" għandha tinkludi l-kompjuters kollha li jistgħu jintużaw f'aktar minn post wieħed, li jikkonsistu f'*system unit*, *display* u tastiera kkombinata f'qafas wieħed, li huma maħsuba biex ikunu trasportati b'ħeffa minn post għall-ieħor u li jistgħu jintużaw b'batterija interna. Apparat mgħammar b'tastiera *touch screen* għandu jiġi inkluż f'din il-kategorija ta' prodotti.

Jekk ikun hemm applikazzjonijiet sottomessi qabel id-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni għall-għoti tal-ekotikketta għal prodotti li jagħmlu parti mill-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli", dawk il-prodotti jistgħu jingħataw l-ekotikketta bil-kondizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2001/686/KE. F'dawk il-każijiet, l-ekotikketta tista' tibqa' tintuża sal-31 ta' Marzu 2006.

Artikolu 7

Prodotti li l-użu primarju tagħhom ma huwiex il-computing għandhom jiġu esklużi.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-kategorija ta' prodotti "kompjuters portabbli", kif ukoll dawk marbuta mal-kriterji tal-evalwazzjoni u l-verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2008.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

QAFAS

Sabiex jikkwalifika għall-ekotikketta, kompjuter personali, *system unit*, *display* jew tastiera (minn hawn 'il quddiem riferut bħala l-"prodott") irid ikun jagħmel parti mill-kategorija ta' prodotti kif definita fl-Artikolu 2, u għandu jissodisfa l-kriterji segwenti f'dan l-Anness (kull parti individwali tista' tapplika għall-ekotikketta ħlief il-*mouse*):

	System Unit	Display	Tastiera	Kompjuter personali
Iffrankar tal-enerġija: <i>system unit</i>	X			X
Iffrankar tal-enerġija: <i>monitor</i>		X		X
Estensjoni taż-żmien ta' użu: <i>system unit</i>	X			X
Estensjoni taż-żmien ta' użu: <i>monitor</i>		X		X
Kontenut ta' Merkuru f' <i>monitor</i> bil- <i>liquid crystal display</i> (LCD)		X (fejn japplika)		X (fejn japplika)
Ħoss	X			X
Emissjonijiet elettromanjetiċi		X		X
<i>Take-back</i> u riċiklaġġ	X	X (skont kif japplika)	X (skont kif japplika)	X (skont kif japplika)
Struzzjonijiet għall-utent	X	X	X (skont kif japplika)	X (skont kif japplika)

Mal-applikazzjoni għandhom isiru testijiet kif indikat fil-kriterji, u dawn għandhom isiru minn laboratorji li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali mfissra fl-istandard EN ISO 17025. Fejn ikun xieraq, għandhom jintużaw metodi oħrajn ta' ttestjar jekk l-ekwivalenza tagħhom tkun aċċettata mill-organu kompetenti li jkun qed jevalwa l-applikazzjoni. Meta ma jissemmew ebda testijiet, jew inkella jissemmew bħala meħtieġa waqt verifika jew monitoraġġ, l-organi kompetenti għandhom joqogħdu, kif meħtieġ, fuq id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni pprovduti mill-applikant u/jew minn verifiki indipendenti.

L-organi kompetenti huma rakkomandati illi jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' skemi approvati għall-immaniġġjar tal-ambjent, bħalma huma l-EMAS jew l-ISO 14001, meta jevalwaw l-applikazzjonijiet u jimmonitorjaw l-osservanza tal-kriterji f'dan l-Anness. (Nota: ma huwiex meħtieġ li jiġu implimentati skemi ta' mmaniġġjar bħal dawn.)

KRITERJI EKOLOĠIĊI**1. Iffrankar tal-enerġija****System unit**

- (a) Is-sistema tal-kompjuter għandha tkun mgħammra bi swiċċ li jixgħel u jitfi li tista' ssibu faċilment.
- (b) Is-sistema tal-kompjuter għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-konfigurazzjoni Energy Star ⁽¹⁾ li jippermettu *modes* ta' effiċjenza enerġetika.

L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li tiċċertifika illi s-sistema tal-kompjuter personali tissodisfa r-rekwiżiti tal-konfigurazzjoni ("Linji gwida") imsemmijin fl-Energy Star.

- (c) Il-kompjuter għandu jkollu *sleep state* ACPI ⁽²⁾ S3 (li jissospendi għar-RAM) biex jippermetti konsum minimu ta' enerġija li ma jaqbiżx it-3 watts. Il-kompjuter għandu jkun jista' "jqum" minn din il-*mode* b'rispons għal xi wieħed mill-kmandi li ġejjin:

- modem,
- tqabbid ma' netwerk,
- azzjoni tat-tastiera jew tal-*mouse*.

Il-ħin awtomatiku biex jibdel il-*mode* mill-operattività għall-*sleep state* ACPI S3 m'għandux ikun ta' aktar minn 30 minuta ta' inattività. Il-manifattur għandu jattiva din il-karatteristika, imma l-utent għandu jkun jista' jiddizattivaha.

L-applikant għandu jipprovdi rapport li jiċċertifika illi l-livell ta' konsum tal-elettriku fil-*mode* ACPI S3 tkejjel bl-użu tal-proċedura fil-memorandum ta' ftehim kurrenti dwar il-kompjuters *Energy Star*. Ir-rapport għandu jiddikjara l-konsum tal-elettriku mkejjel f'din il-*mode*.

- (d) Il-konsum tal-elettriku fl-*off-mode* m'għandux ikun ta' aktar minn ta' 2 watts. F'dan il-kuntest, l-*off-mode* huwa l-istat mibdi bil-kmand biex il-kompjuter jagħmel *shut down*.

L-applikant għandu jipprovdi rapport li jiċċertifika illi l-livell ta' konsum tal-elettriku fl-*off-mode* tkejjel bl-użu tal-proċedura fil-memorandum ta' ftehim kurrenti dwar il-kompjuters *Energy Star*. Ir-rapport għandu jiddikjara l-konsum tal-elettriku mkejjel f'din il-*mode*.

Monitor

- (a) Il-*monitor* għandu jkun mgħammar bi swiċċ li jixgħel u jitfi li tista' ssibu faċilment.
- (b) Il-*monitor* għandu jkollu konsum tal-elettriku fi *sleep mode* ⁽³⁾ ta' mhux aktar minn żewġ watts. Il-ħin awtomatiku għall-bdil tal-*mode* għal *sleep state* m'għandux ikun ta' aktar minn 30 minuta ta' inattività. Il-manifattur għandu jattiva din il-karatteristika, iżda l-utent għandu jkun jista' jiddizattivaha.
- (c) Il-*monitor* għandu jkollu konsum tal-elettriku fl-*off-mode* ⁽⁴⁾ ta' mhux aktar minn 1 watt. F'dan il-kuntest, l-*off-mode* huwa l-istat mibdi bil-kmand biex il-*monitor* jagħmel *shut down*.

⁽¹⁾ Kif definiti mill-Aġenzija tal-US għall-Ħarsien tal-Ambjent u fis-seħħ f'Settembru 2004, http://www.energystar.gov/index.cfm?c=computers.pr_crit_computers

⁽²⁾ Advanced configuration and power interface (ACPI).

⁽³⁾ Kif definita għal monitors fl-Energy Star Version 4: http://www.energystar.gov/index.cfm?c=computers.pr_crit_computers

⁽⁴⁾ Kif definita għal monitors fl-Energy Star Version 4, http://www.energystar.gov/index.cfm?c=computers.pr_crit_computers

(d) Il-monitors m'għandhomx jaqbżu r-rekwiżiti tal-Energy Star Version 4 għall-konsum massimu u attiv tal-elettriku Tier 2. Il-monitors għandhom jaderixxu mal-formula korretta, kif ġej:

i) jekk $X < 1$ megapixel, allura $Y = 23$

ii) jekk $X \geq 1$ megapixel, allura $Y = 28X$

(fejn X huwa n-numru ta' mega-pixels u Y huwa l-konsum ta' enerġija f'watts)

L-applikant għandu jforni rapport li jiċċertifika illi l-livell ta' konsum tal-elettriku fl-off-mode, sleep-mode u on-mode tkejlu bil-proċedura fir-Rekwiżiti tal-Programm Energy Star għall-Monitors tal-Kompjuters (Verżjoni 4.0). Ir-rapport għandu jiddikjara illi l-konsum tal-elettriku tkejjel f'kull waħda mit-tliet modes.

2. Estensjoni taż-żmien ta' użu

(a) Il-kompjuter għandu jiġi ddisinnjat b'mod li jkun hemm aċċess ħafif għall-memorja, u li l-memorja tkun tista' tinbidel.

(b) Il-kompjuter għandu jiġi ddisinnjat b'mod li l-hard disk, u jekk ikun hemm jew is-CD drive jonkella d-DVD drive, ikunu jistgħu jinbidlu.

(c) The computer shall be designed so that graphic cards are easily accessible and can be changed.

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

3. Il-kontenut ta' merkurju f' monitor bil-liquid crystal display (LCD)

Id-dawl ta' wara ta' monitor LCD ma għandux ikollu medja ta' aktar minn 3 mg ta' merkurju għal kull bozza.

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

4. Ħoss

Id-*“declared A-weighted sound power level”* (re lpW) tal-kompjuter personali, skont il-paragrafu 3.2.5 tal-ISO 9296, m'għandux jaqbeż:

— 4,0 B(A) fl-idle operating mode (ekwivalenti għal 40 dB(A))

— 4,5 B(A) matul l-aċċess għal hard-disk drive (ekwivalenti għal 45 dB(A)).

L-applikant għandu jipprovdri rapport, imħejji minn laboratorju indipendenti tat-testijiet akkreditat bl-ISO 17025, li jiċċertifika li l-livelli tal-emissjonijiet tal-ħoss tkejlu skont l-ISO 7779 u ġew iddikjarati skont l-ISO 9296. Ir-rapport għandu jiddikjara x'kienu l-livelli tal-emissjonijiet tal-ħoss imkejla kemm fl-idle operating mode kif ukoll waqt l-aċċess għal disk drive, u għandu jkun iddikjarat skont il-paragrafu 3.2.5 tal-ISO 9296.

5. Emissjonijiet elettromanjetiċi

Il-monitor tal-kompjuter personali għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-EN50279, Kategorija A.

L-applikant għandu jipprovdri rapport li l-emissjonijiet tal-monitor jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

6. Take-back, riċiklaġġ u sustanzi perikolużi

Il-manifattur għandu joffri, mingħajr ħlas, it-*take-back* għal kull *refurbishment* u riċiklaġġ tal-prodott u għal kull komponent li jinbidel, ħlief għall-oġġetti mniġġsin mill-utenti (eż. fużu mediku jew nukleari). Barra minn hekk, il-prodott għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- (a) persuna kkwalifikata waħda biss għandha titħalla żżarmah;
- (b) il-manifattur għandu jivverifika ż-żarmar tal-unità u jipprovdi rapport dwar iż-żarmar lil terzi persuni jekk issirli talba biex jagħmel dan. Fost l-oħrajn, ir-rapport għandu jikkonferma illi:
 - il-konnessjonijiet huma faċli biex issibhom u aċċessibbli,
 - il-konnessjonijiet huma standardizzati bl-aktar mod possibbli,
 - l-aċċess għall-konnessjonijiet jista' jsir b'għodod li ssibhom komunement,
 - il-bozoz għad-dawl ta-isfond tal-*monitors LCD* huma faċilment separabbli;
- (c) il-materjali perikolużi huma separabbli;
- (d) 90 % (bil-piż) tal-materjali tal-plastik u tal-metall fil-*housing* u fix-xażi huma teknikament riċiklabbli;
- (e) jekk ikunu meħtieġa t-tikketti, dawn jinqalgħu jew jeħlu faċilment;
- (f) il-partijiet tal-plastik:
 - m'għandu jkollhom ebda *ċomb* jew *kadmju* miżjud apposta,
 - għandhom ikunu ta' polimeru wieħed jew polimeri kompatibbli, ħlief għall-għatu, li għandu jikkonsisti f'żewġ tipi jew aktar ta' polimeri li jkunu separabbli u mikxufin, pereżempju, mingħajr żebgħa,
 - m'għandu jkun fihom l-ebda intarż tal-metall li ma jistax jiġi sseparat minn persuna waħidha u b'għodod sempliċi;
- (g) il-partijiet tal-plastik m'għandux ikollhom ritardanti tan-nirien tal-*poly-brominated biphenyl* (PBB) jew *poly-brominated diphenyl ether* (PBDE) kif elenkati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/95/KE ⁽¹⁾. Dan ir-rekwiżit għandu jqis l-addattamenti u l-emendi sussegwenti magħmulin għal din id-Direttiva dwar l-użu tad-Deca-BDE.

Il-partijiet tal-plastik m'għandux ikollhom ritardanti tan-nirien bil-kloroparaffina bil-katina twila 10-17 atomi tal-karbonju u l-kontenut tal-kloru m'għandux ikun akbar minn 50 % bil-piż (CAS nru. 85535-84-8 u CAS nru. 85535-85-9).

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dan ir-rekwiżit.
- (h) Il-partijiet tal-plastik li jkunu itqal minn 25 gramma m'għandux ikollhom ritardanti tan-nirien b'sustanzi jew preparati li fil-mument tal-applikazzjoni tal-ekotikketti jingħataw xi waħda minn dawn il-frazzjiet ta' riskju:

Perikoluża għas-saħħa:

R45 (tista' ġġib il-kankru)

R46 (tista' ġġib ħsara ġenetika li tintiret)

⁽¹⁾ ĠU L 37, 37.12.2002, p. 21.

R60 (tista' tnaqqas il-fertilità)

R61 (tista' tagħmel ħsara lit-tarbija li għadha ma twilditx)

Perikoluża għall-ambjent:

R50 (tossika ħafna għall-organiżmi tal-ilma)

R50/R53 (tossika ħafna għall-organiżmi tal-ilma, tista' tikkawża effetti ħżiena fit-tul fl-ambjent akkwatiku)

R51/R53 (tossika għall-organiżmi tal-ilma, tista' tikkawża effetti ħżiena fit-tul fl-ambjent akkwatiku)

kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE (*) kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/98/KEE.

- (i) il-partijiet tal-plastik għandu jkollhom għelm permanenti li jidentifika l-materjal, skont l-ISO 11469:2000. Esklużi minn dan il-kriterju huma materjali tal-plastik ħerġin 'il barra u l-*light-guide* tad-*displays* b'pannelli ċatti;
- (j) il-batteriji m'għandux ikollhom aktar minn 0,0001 % ta' merkurju, 0,001 % ta' kadmju jew 0,01 % ta' ċomb skont il-piż tal-batterija.

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dawn ir-rekwiżiti. L-applikant għandu jforni lill-organu kompetenti li jkun qed jevalwa l-applikazzjoni kopja tar-rapport taż-żarmar.

B'referenza għall-kriterju 6(h), ir-ritardanti tan-nirien li jintużaw, jekk ikun hemm, m'għandhomx ikunu assenjati xi waħda mill-frazzjiet ta' riskju msemmijin aktar 'il fuq u lanqas m'għandhom ikunu ssemmej fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE jew l-emendi sussegwenti għaliha dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal ritardanti tan-nirien li meta jintużaw ibiddu n-natura kimika tagħhom b'mod li ma jkunx għadu meħtieġ li jiġu kklassifikati taħt xi waħda mill-frazzjiet ta' riskju msemmijin aktar 'il fuq, u fejn anqas minn 0,1 % tar-ritardanti tan-nirien fil-parti trattata tibqa' fil-forma kif kienet qabel jintużaw. Kull ritardant tan-nirien li jintuża f'partijiet tal-plastik >25 g għandu jkun speċifikat fid-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni, u għandu jingħata isimhom u n-numru tal-CAS.

7. Struzzjonijiet għall-utent

Il-prodott għandu jinbiegħ bl-informazzjoni rilevanti għall-utent, li tagħti parir dwar l-użu ambjentali tajjeb u, b'mod partikolari tkun tinkludi:

- (a) rakkomandazzjonijiet dwar l-użu tal-karatteristiċi għall-immaniġġjar tal-enerġija, inkluża kull informazzjoni li jekk jitwaqqfu tali karatteristiċi milli jaħdmu jista' jkun hemm żieda fil-konsum tal-enerġija u li dan jista' jwassal għal spejjeż akbar biex jitħaddem l-apparat;
- (b) tagħrif li l-enerġija li tittieħed mill-provvista tal-elettriku tista' titnaqqas għal zero kemm-il darba l-provvista tal-enerġija tinqala' minn mal-plagg jew jekk il-plagg ta' mal-ħajt jintefa;
- (c) tagħrif dwar il-garanzija u d-disponibilità tal-*ispare parts*. Meta l-konsumatur ikun jeħtieġ li jagħmel *upgrade* tal-komponenti jew jibdilhom, għandu jkun hemm tagħrif dwar il-proċeduri applikabbli;
- (d) tagħrif dwar il-fatt li l-prodott ġie ddisinnjat biex jippermetti użu mill-ġdid xieraq tal-partijiet u r-riċiklaġġ u li m'għandux jintrema;
- (e) parir dwar kif il-konsumatur jista' jagħmel użu mill-offerta *take-back* tal-manifattur;
- (f) tagħrif dwar kif jista' jsir użu korrett tal-kards tal-WLAN biex b'hekk jitnaqqas s-sogri għas-sigurtà;

(*) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.

- (g) tagħrif li l-prodott inġhata l-ekotikketta tal-UE bi spjegazzjoni qasira dwar din xi tfisser flimkien ma' indikazzjoni li aktar tagħrif dwar l-ekotikketta jista' jinstab fil-websajt bl-indirizz (<http://europa.eu.int/ecolabel>).

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dawn ir-rekwiżiti u għandu jipprovdi kopja tal-manwal tal-istruzzjonijiet lill-organu kompetenti li jkun qed jevalwa l-applikazzjoni.

8. L-Imballaġġ

L-imballaġġ għandu jissodisfa dawn ir-rekwiżiti:

- (a) Il-komponenti kollha tal-imballaġġ għandhom ikunu faċilment separabbli bl-idejn b'mod illi jiżżarmaw f'materjali individwali biex jeħfief ir-riċiklaġġ.
- (b) Kull fejn jintuża imballaġġ tal-kartun, dan għandu jikkonsisti tal-anqas minn 80 % ta' materjal riċiklat.

Evalwazzjoni u verifika: L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dan ir-rekwiżit u għandu jforni kampjun(i) tal-imballaġġ lill-Organu Kompetenti għall-għoti tal-ekotikketta bħala parti mill-applikazzjoni.

9. Tagħrif li jidher fuq l-ekotikketta

Kaxxa 2 tal-ekotikketta għandha tinkludi l-kitba li ġejja:

- konsum anqas ta' enerġija,
- iddisinnjat biex jiffaċilita r-riċiklaġġ,
- livell anqas ta' ħoss.

L-applikant għandu jiddikjara li l-prodott jissodisfa dan ir-rekwiżit u għandu jiprovdi kopja tal-ekotikketta kif se tkun tidher fuq l-imballaġġ u/jew il-prodott u/jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjah.
